# L-Assunzjoni ta' Marija fuq xi Qniepen fil-Gżejjer Maltin

Kitba tal-Kampanoloġista Kenneth Cauchi
B. Cons. (Hons) Mtls, Stn, Cer & Gls

Sa mill-ibgħad żminijiet, il-bniedem ħoloq il-qniepen bħalha mezz ta' komunikazzjoni u minn din il-perspettiva wieħed għalhekk jgħaqqad il-ħoss li jipproduċu l-qniepen direttament mal-użu tagħhom. Intant, b' din id-dikjarazzjoni, nistgħu ngħidu li l-iktar ħaġa importanti f' qanpiena huwa l-ħoss li tipproduċi li fil-qedem kien jiġi trażmess f' messaġġ. Illum li nbidlu iż-żminijiet, il-ħoss li jipproduċu l-qniepen inbidel f' tonalità, jiġifieri kwalità tajba ta' dak li qabel kien sempliċiment *ħoss*.

Sintendi, diġà ladarba kienu qed jintużaw għall-użu Ekkleżjastiku, il-qniepen bdew jiġu ikkonsagrati u mogħtija isem dinjituż abbinat ma' diversi qaddisin prominenti, l-aktar fosthom lill-Verġni Omm Alla taħt id-diversi titli li nsibuha. It-titlu tal-Assunzjoni huwa wieħed fost l-aktar popolari, tant li madwar Malta u Għawdex insibu għadd kbir ta' knejjes u kappelli ddedikati lil Santa Marija, jew lill-Assunzjoni tagħha. Anke San Ġiljan, għal xi żmien jidher li kellu l-knisja ewlenija tiegħu ddedikata lil Santa Marija. Illum fis-sagristija tal-Knisja l-Antika wieħed għadu jista' jara t-titular l-antik li jirraffigura lil Verġni Imbierka mtella' s-sema, b' San Ġiljan u San Pawl għarkupptejhom in-naħa t'isfel. Fil-Knisja Parrokkjali l-Antika ta' San Ġiljan Ospidalier (magħrufa popolarment bħala "Ta' Lapsi") hemm ħjiel ieħor ta' dan, għax insibu n-*nome di Maria* fuq il-fonti tal-magħmudija, fuq il-pulptu (illum fis-sagristija) u anke fuq il-ħnejja ewlenija tal-altar maġġur.

F'dan id-dawl inkomplu d-diskors tagħna dwar il-qniepen u Santa Marija. Skont riċerka serja li għamel il-kollega tiegħi l-istoriku tal-Arti, is-Sur Robert Cassar bejn l-1370 u is-sena l-1900 nsibu xejn inqas minn

37 qanpiena li għandhom fuqhom ir-raffigurazzjoni tal-Assunta. Bla dubju jeżistu ħafna iktar fuq qniepen li nqerdu maż-żmien kif ukoll fuq oħrajn li saru fis-Seklu XX u XXI.

L-eqdem eżempju nsibuh fuq żewġ qniepen fonduti mill-Fonditur tal-Ordni Vincenzo Sardo fl-1639 u li sa ftit snin ilu kienu għadhom imdendla fil-kampnar tal-Kattidral t'Għawdex. Illum jinsabu merfgħuha bħalha parti mill-kollezzjoni tal-Mużew tal-istess Kattidral. Il-figura tal-Assunta tidher b' mod prominenti ukoll fuq diversi qniepen fonduti f' Messina fis-Seklu XVII, liema qniepen jinsabu fil-Parroċċi taż-Żurrieq u Ħ'Attard rispettivament. Fis-Seklu XVIII il-fonditur tal-Ordni Aloisio Bouchut qiegħed il-figura tal-Assunta fuq il-qanpiena l-kbira tal-Kattidral t'Għawdex, li dak iż-żmien kienet l-ikbar qanpiena fil-gżejjer Maltin.



Il-Kwadru tal-Assunzjoni ta' Santa Marija b'San Pawl u San Ġiljan, żejt fuq tila u xogħol Antonio Falzon fl-1855, li jinsab fis-Sagristija tal-Knisja ta' Lapsi f'San Ġiljan

Is-Seklu XIX probabbli kien l-aktar perjodu li l-figura tal-Assunzjoni deheret fuq il-qniepen Maltin, dan minħabba l-fatt li dan il-perjodu fil-kampanoloġija Maltija huwa ddominat mill-fonditur Ġulju Cauchi (1829-1904) li kien qiegħed jagħmel minn kollox biex jikkompeti ma' fondituri minn Ġenova u Firenze fl-Italja li kienu mgħallma tajjeb fejn jidħol arti u diżinn.

Fi żminijiet iktar qrib tagħna nsibu l-figura ta' Marija Assunta mqiegħda bi prominenza fuq qniepen oħra notevoli, fosthom il-qanpiena l-kbira tal-Kolleġġjata u Bażilika ta' San Ġorġ Megalomartri fil-Belt Victoria



Il-Kattidral ta' Santa Marija Assunta fir-Rabat Għawdex

f'Għawdex kif ukoll fuq dik tal-Kolleġġjata u Bażilika ta' Sant'Elena f' Birkirkara fonduti fl-1925 u l-1931 rispettivament minn Propsero Barigozzi f'Milan, kif ukoll aktar riċenti fuq il-qanpiena l-kbira tal-Kattidral tal-Assunta f'Għawdex fonduta minn John Taylor fl-Ingilterra fl-2003. Possibilment, il-Verġni Omm Alla taħt dan it-titlu ngħata l-aktar prominenza fl-1992 meta John Taylor fonda l-akbar qanpiena fil-gżejjer Maltin, dik li tinsab imdendla fil-Monument li jfakkar it-Tieni Gwerra Dinjija u li hu marbut direttament mal-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija.

Dawn iż-żewġ qniepen huma marbuta mal-Assunzjoni ta' Marija anke mill-aspett ta' skrizzjonijiet bil-Latin li hemm fuqhom. Ir-rabta liturġika f' tal-ewwel hija r-reċita tal-*Magnificat* filwaqt li f' tal-aħħar hija kwotazzjoni tas-Salm numru XL *Obvmbrasti Svper Capvt Mevm in Die Belli* li tfisser *'tfajt id-dell tal-kenn tiegħek fuq rasi fi żmien il-gwerra'*.